Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Ben-Ri Electrónica, SA.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 — Three-N-Products Private vs UASI — Shah (AYUURI NATURAL)

(Kawża T-313/10)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali AYUURI NATURAL — Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti AYUR — Raġuni relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 54, 64, 65)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1005/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Three-N-Products Private Ltd u S. Shah u A. Shah, M. Shah.

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-1 ta' Ġunju 2010, (Każ R 1005/2009-4) hija annullata.

2) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' Three-N-Products Private Ltd.

3) Sheilesh Shah u Akhil Shah għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Three-N-Products Private Ltd għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Novembru 2011 — CTG Luxembourg PSF vs Il-Qorti tal-Ġustizzja

(Kawżi magħquda T-170/10 u T-340/10)

"Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi ta' għajnuna lill-utenti ta' sistemi informatiċi — Ċaħda tal-offerta ta' offerent minħabba preżentazzjoni tardiva — Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Rikors għal annullament — Responsabbiltà mhux kuntrattwali"